13 ta' Ottubru 2014

Is-Sur Reno Bugeja
Editur
PBS
Triq San Luqa
G'Mangia

Sur Bugeja,

Nirreferi għall-programm TVAM li xxandar dal-għodu fuq TVM.

Waqt dan il-programm saret intervista mas-Sur Alex Muscat. Is-Sur Muscat ġie ppreżentat lit-telespettaturi bħala analista/opinjonista indipendenti. Dan hu 'l bogħod mir-realta' għaliex is-Sur Muscat jaħdem fis-Segretarjat tal-Prim Ministru, minbarra li hu *minority leader* tal-Partit Laburista fil-Mosta u kandidat tal-Partit Laburista.

Waqt l-intervista is-Sur Muscat beda jagħmel difiża lill-Gvern u jikkritika lill-Partit Nazzjonalista. Hu kien interessat li jiddefendi lill-Gvern u lill-Prim Ministru Joseph Muscat, partikolarment wara li tħabbar li l-Gvern Laburista se jikser il-wegħda li għamel hu stess u mhux se jżomm il-wegħda li jibni l-Power Station fi żmien li kien qal qabel. L-intervista mas-Sur Muscat la kienet oġġettiva u lanqas imparzjali. Barra minhekk il-PBS ippreżenta informazzjoni falza lit-telespettaturi għaliex prova jagħti l-impressjoni li s-Sur Muscat hu xi analista indipendenti.

Għaldaqstant il-Partit Nazzjonalista qiegħed jipprotesta bil-qawwa kollha kontra d-deċiżjoni tiegħek u tal-istazzjon li:

- tagħmlu intervisti bl-oġġettiv ewlieni jkun li tiddefendu lill-Gvern;
- li tagħtu impressioni ta' intervisti oġġettivi u imparzjali meta fil-fatt dawn ma jkunux, bl-aktar eżempju riċenti jkun dak ta' dal-għodu; u
- li tqarrqu bit-telespettaturi.

Il-Partit Nazzjonalista qiegħed jitlob rimendju għall-intervista li saret dal-għodu u jitlob lill-PBS ma jkomplix b'din l-istrateġija.

Kopja ta' din l-ittra qed tintbagħat lill-Awtorita' tax-Xandir.

Filwaqt li nittama li jkollna risposta skont il-liġi,

inselli għalik,

Matthew Bonett
Aġent Direttur Informazzjoni

Kopja : Is-Sur Pierre Cassar – Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' tax-Xandir - 7, Triq Mile End, il-Ħamrun

**Partit Nazzjonalista**
Triq Herbert Ganado, Pietà PTA 1450, Malta • Tel: +356 2124 3641 • Fax: +356 2124 3640 • Email: pn@pn.org.mt
Member of the European People's Party • Member of the Christian Democrat International • Member of the International Democrat Union
*www.pn.org.mt*